**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalità 2018 li saret nhar it-Tnejn 19 ta' Frar 2018 fis-7 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi u spiċċat fit-8 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Membri tal-Pubbliku Preżenti:**

Is-Sa Marion Parnis (189875M)

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 5.1 QARI TAL-MINUTI

5.1.1 Il-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalità 2017 ġew moqrija.

5.1.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ppropona filwaqt li l-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud issekondat.

5.1.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 5.2 RAPPORT ANNWALI MIS-SINDKU

5.2.1 Matul is-sena li għaddiet saru bosta xogħlijiet fir-raħal tagħna tal-Qrendi. Ix-xogħlijiet kienu jvarjaw minn asfaltar ta' toroq, sa tisbiħ, ħidma edukattiva, kostruzzjoni u restawr. Minn barra hekk, ittieħdu bosta inizjattivi li kellhom għanijiet differenti.

5.2.2 Fost ix-xogħlijiet t'infrastruttura li saru kien hemm:

- L-asfaltar ta' parti minn Triq Rokku Buhagiar u parti minn Triq iż-Żurrieq;
- Itranġaw il-latrini ta' Wied iż-Żurrieq;
- Sar tisbiħ fil-*picnic area* ta' Triq il-Panorama;
- Inbena ħajt fi Triq Massabielle;
- Kien mibni l-moll tal-ponot f'Wied iż-Żurrieq;
- Saret ATM ġdida fir-raħal;
- Sar xogħol ta' restawr fuq il-*koppola* tal-kamra t-tonda;
- Sar xogħol ta' restawr fuq il-*pilaster* ta' Triq is-Siġġiewi;

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

- Kien installat *free wi-fi* fil-pjazza ewlenija tar-raħal u f'Misraħ il-Maqluba;
- Tlestew il-pjanti, il-permessi u nħarġu t-*tenders* għall-bini taċ-Ċentru Ċiviku ġdid.

5.2.3 Il-Kunsill Lokali ta l-għajnuna tiegħu fis-settur edukattiv, fejn fost l-oħrajn:

- Laqa' studenti b'diżabilità mill-Polonja bħala parti mill-Programm Erasmus Plus;
- Laqa' studenti b'diżabilità miċ-Ċentru ta' Riżorsi Dun Manwel Attard tal-Wardija bħala parti minn *job exposure*;
- Laqa' studenti mill-Kulleġġ San Benedittu bħala parti minn *job exposure*;
- Kienu organizzati korsijiet tal-Ganutell, Monasteru u Bizzilla bħala parti mil-*LifeLong Learning*;
- Kien installat xkaffar ġdid u *air condition* fil-librerija tal-Kunsill ġewwa l-iskola primarja;
- Intant il-Kunsill Lokali ippartecipa fil-proġett *Poetry in Potato Sacks* ta' Inizjamed;
- Flimkien mal-iskola primarja ħadna sehem fil-proġett *Collective Memory Archives;*
- Hadna sehem fil-proġett ta' tindif *Let's do it, Malta*, f'żewġ siti fil-Qrendi;
- Saret ukoll websajt ġdida tal-Kunsill Lokali, li hi aċċessibli kemm mill-kompjuter u anke mill-*mobile;*
- Darba f'xahar kienet organizzata ħarġa kulturali soċjo-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

edukattiva;

- Għinna fl-organizzazzjoni fil-Festival tan-Nar tar-Reġjun tan-Nofsinhar;
- Saru żjarat kulturali madwar ir-raħal għal għaqdiet u kunsilli lokali;
- Kellna żjarat mix-Shaolin Monks wara l-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali mal-Komunità Ċiniża;
- Isem il-Qrendi mar barra minn Malta hekk kif ipparteċipajna fil-proġett Cense 2020 f'Campulung, ir-Rumanija. Proġett dwar *circular economy;*
- Filwaqt li rappreżentanti tal-Kunsill Lokali marru f'Comber, fl-Irlanda ta' Fuq għal żjara esploratorja b'relazzjoni mal-Festival Agrarju tal-Patata;
- Saru żjarat regolari mill-membri tal-Kunsill Lokali lill-Qrendin residenti fir-Residenza San Vinċenz de Paule u fl-Isptar Mater Dei.

## 5.3 RAPPORT FINANZJARJU MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

5.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq ir-rapport finanzjarju fejn fih elenka kif tqassam il-baġit għas-sena 2018 u kif il-Kunsill Lokali mar fis-sena 2017.

5.3.2 Is-sena 2017 kienet waħda ta' impenn u ħidma qawwija għall-Kunsill Lokali tal-Qrendi. Fil-baġit tas-sena 2017, il-Kunsill Lokali kien qiegħed jipproġetta li se jibqa' b'bilanċ ta' €45,455, imma fil-verita' l-Kunsill Lokali baqa' b'bilanċ ta' madwar €31,499. Għalkemm il-bilanċ ma kienx

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

daqs dak previst, il-Kunsill Lokali tal-Qrendi xorta baqa' b'aktar minn 10% tal-indikatur finanzjarju. F'dan ir-rapport, qiegħed jiġi eskluż l-ammont ta' €75,000 li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali diġa' għadda lill-Kunsill Lokali bħala parti mill-għajnuna sabiex ikun jista' jibda l-proġett tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku ġdid, minħabba li s'issa x-xogħol għadu ma bediex u għaldaqstant dan l-ammont għadu jrid jibda jintuża.

5.3.3 Matul l-201i il-Kunsill Lokali bbenefika minn diversi skemi li fl-aħħar mill-aħħar ħallew il-frott tagħhom u għaldaqstant komplejna naħdmu bil-għaqal għall-ġid tar-residenti meta xorta waħda saru diversi proġetti ta' fejda u li kienu bżonnjużi ħafna.

5.3.4 Jekk nagħtu ħarsa lejn il-baġit tas-sena 2018 wieħed jista' jinnota li mill-allokazzjoni finanzjarja, l-Kunsill Lokali se jirċievi s-somma ta' €370,643.20, jiġifieri kważi €15,000 aktar mill-allokazzjoni li rċevejna matul is-sena 2017. Barra din l-allokazzjoni l-Kunsill Lokali qiegħed jipproġetta li jdaħħal ammonti oħra ta' flus kif ġej:

- **Permessi/Avviżi u LESA** - €13,000
- ***UIF Funds*** - €1,000
- **Fondi mir-Reġjun tan-Nofsinhar** - €4,000
- **Skema Librerija** - €800
- **Skema Attivita' Kulturali** - €2,000
- **Skema Proġetti Kapitali** - €75,000

Dan kollu jammonta għal dħul addizzjonali ta' €95,800

5.3.5 Mill-previżjonijiet għas-sena 2018, jidher li l-Kunsill se jagħmel nefqa kif ġej:

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

- **Parki, Ġonna, *Soft Areas* u Latrini Pubbliċi** - €37,000
- **Manutenzjoni ta' Toroq Urbani** - €32,000
- **Manutenzjoni ta' Toroq Rurali** - €50,000
- **Immaniġġjar tal-Iskart** - €34,000
- **Nefqa għall-Amministrazzjoni** - €145,000
- ***Tipping Fees*** - €13,000
- **Wied iż-Żurrieq** - €10,000
- **Knis** - €12,000
- **Bini taċ-Ċentru Ċiviku** - €100,000
- **Attivitajiet Soċjali** - €10,000

Dan kollu jammonta għal nefqa ta' €443,000

5.3.6 Għaldaqstant jidher li matul l-2017 il-Kunsill Lokali mistenni jdaħħal €466,443.20 u jonfoq madwar €443,000. Dan ifisser li se jkun hemm bilanċ ta' €23,443.20.

5.3.7 Mill-previżjonijiet tal-Kunsill Lokali jidher ċar li l-akbar sors ta' ħruġ se jkun fuq erba' setturi importanti ħafna li huma: Manutenzjoni ta' Toroq, Immaniġġjar tal-Iskart, in-Nefqa għall-Amministrazzjoni u l-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid.

i. Dwar il-ħruġ għall-Manutenzjoni ta' Toroq, il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed joħroġ l-aħħar 5% oħra mill-ispiża totali tal-*Public Private Partnership* biex ingħata wiċċ ġdid ta' tarmak fi Triq San Mattew (parti) u Triq Ħaġar Qim. Issa wasalna għall-aħħar pagament ta' dan il-proġett kbir u allura dik l-ispiża l-kbira li kellu jħallas il-Kunsill Lokali ftit tas-snin ilu matul din is-sena se

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

tintemm.

5.3.8 Għaldaqstant, fl-2018, għalkemm se nkunu irkuprajna għal kollox minn din is-sitwazzjoni, xorta waħda rridu nipproċedu bil-għaqal minħabba l-ispiża kbira li l-Kunsill Lokali dieħel għaliha, dik tal-bini taċ-Ċentru Ċivku ġdid.

ii. L-Immaniġġjar tal-Iskart huwa settur li l-Kunsill Lokali għandu ħafna għal qalbu u dan sabiex Il-Qrendi jkun wieħed mill-aqwa rħula ta' pajjiżna fejn jidħol l-immaniġġjar tal-iskart. Jidher li għalkemm il-Kunsill Lokali qiegħed jagħmel dak kollu possibbli sabiex ir-raħal ikun miżmum nadif ħafna, għad hemm nies li b'nuqqa ta' responsabilita' jaqbdu u joħorġu l-iskart tagħhom barra f'ħinijiet u ġranet fejn mhuwiex suppost, u min-naħa tagħna qegħdin nagħmlu dak kollu possibbli biex din is-sitwazzjoni ma tibqax isseħħ.

Barra minn hekk, anke s-servizz tal-ġbir tal-iskart goff kien miżjud, u minflok l-iskart goff jinġabar darba fil-ġimgħa, qiegħed jinġabar darbtejn, imma sfortunatament xorta għad hawn min isibha bi tqila biex jew iċempel l-uffiċċju nkella jibgħat e-mail, ikellimna permezz ta' FB jew b'xi mezz ieħor sabiex jagħmel appuntament.

iii. In-nefqa għall-amministrazzjoni hija nefqa bżonnjuża għax permezz tagħha l-Kunsill Lokali jibqa' għaddej bil-ħidma kbira tiegħu b'risq ir-residenti. Meta qegħdin insemmu n-nefqa għall-amministrazzjoni m'aħniex nirreferu biss għall-pagi tal-ħaddiema, imma nfiq ieħor li l-Kunsill Lokali jkollu bżonn jagħmel sabiex l-uffiċċju u l-operat tal-Kunsill jibqgħu għaddejjin bla tfixkil ta' xejn. Għalkemm in-nefqa hija kbira, il-Kunsill Lokali xorta jonfoq b'attenzjoni sabiex fejn nistgħu niffrankaw xi flus, nagħmluh bl-aħjar mod filwaqt li l-operat tal-Kunsill Lokali jibqa' għaddej b'mod normali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Fil-fatt, jidher li l-uniku żieda li se jkollna f'dan is-settur matul din is-sena, se tkun ġejja mill-pagi tal-ħaddiema, li ovvjament jogħlew kull sena minħabba ż-żieda fil-baġit tal-għoli tal-ħajja.

iv. Il-bini taċ-Ċentru Ċiviku ġdid issa jinsab fi stadju imminenti li jinbeda. Fil-preżent għandna ftehim mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali li matul din is-sena rridu minn tal-inqas nonfqu mal-€75,000 sabiex nibqgħu nibbenefikaw mill-iskema tal-Proġetti Kapitali. Bħala Kunsill Lokali qegħdin nipproġettaw li nonfqu madwar €100,000 u nistgħu nikkonfermaw li l-offerti li rċevejna kienu aġġudikati u qegħdin nistennew l-aħħar ftit ġimgħat sakemm ikun jista' jinbeda x-xogħol. Minbarra l-bini taċ-Ċentru Ċiviku ġdid hemm ukoll it-tisbiħ jew kważi bini mill-ġdid tal-*playing field* ta' Ġnien Nicolò Communet, fejn dan se jkun proġett wieħed ħolistiku.

Barra minn hekk, b'fondi tal-*Urban Improvement Fund*, il-Kunsill Lokali diġa' beda jiddiskuti dwar il-*playing area* ta' Ġnien Dama Cecilia Pick (il-Ġnien tal-Warda), sabiex dan il-Ġnien ukoll jissebbaħ u l-apparat għat-tfal u l-adoloxxenti tagħna jkun aktar modern u utli għaż-żminijiet tal-lum.

5.3.9 Il-Kunsill Lokali qiegħed iħares lejn is-sena 2018 bħala sena oħra ta' sfidi finanzjarji. Dawn huma sfidi li qegħdin iqumu ta' kull sena quddiem il-Kunsill Lokali, imma b'għaqal u determinazzjoni, il-Kunsill Lokali qiegħed jirnexxielu jżomm in-nefqa stabbli, tant li qegħdin nispiċċaw is-sena b'bilanċ. Fadal ħafna x'isir u qegħdin nistennew li matul is-sena 2018 il-Kunsill Lokali jieħu xi ftit ta' daqqa finanzjarja, għalkemm minn dak li qegħdin niproġettaw jidher li xorta waħda se nispiċċaw b'bilanċ.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.4 **SUĠĠERIMENTI U ILMENTI MILL-PUBBLIKU**

5.4.1 Is-Sindku David Schembri stieden lir-residenti preżenti sabiex jgħaddu s-suġġerimenti u l-ilmenti tagħhom lill-Kunsill Lokali.

5.4.2 Qal li anke dawk li qegħdin isegwu permezz tal-live streaming jistgħu jagħmlu l-mistoqsijiet, suġġerimenti u lmenti tagħhom permezz tal-paġna ta' FB tal-Kunsill Lokali.

5.4.3 Ma' kien hemm l-ebda mistoqsija, suġġeriment jew ilment mill-pubbliku.

**Il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' ntemmet fit-8 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata *sine die*.**

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**